MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 256/2011

AB
vs
Avukat Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut b'digriet tal-14 ta' Settembru 2011 gew nominati bhala deputati kuraturi biex jirrappresentaw lill-assenti
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-15 t'Awissu, 1990 fil-Knisja ta' Sant'Anna ta' Marsaskala (Dok A);
2. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghal dina l-kawza bis-sahha tad-digriet hawn anness (Dok B);
3. Illi z-zwieg sfaxxa tort tal-agir tal-konvenut tort ta'sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi li hu kien iwettaq;

4. Illi l-partijiet ghandhom zewgt itfal li jisimhom K u J li t-tnejn huma maggorenni;
Talbet li l-konvenuti jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) il-konvenut irrenda ruhu hati versu l-attrici ta' minacci, sevizzi, eccessi u ingurji gravi li konsegwentement ghandha tigi pronunzjata separazzjoni a mensa et thoro bejn il-kontendenti ghal tortijiet imputabbli lill-konvenut jew inkella b'mod in subsidium ghax iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment minhabba inkompatibbilita' fil-karattru;
2) il-konvenut jigi ikkundannat minn din l-Onorabbli Qorti li jissomministra lill-attrici dik ir-retta alimentarja li tigi ffissata minn din il-Qorti u bil-modalitajiet ukoll hekk iffissati;
3) Li l-komunjoni ta' l-akwisti esistenti bejn il-kontendenti ghandha tigi iddikjarata xjolta, likwidata u diviza u assenjata lil kull wiehed mill-kontendenti skont dak il-proporzjon li jigi determinat minn din il-Qorti u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominanti;
4) Li tinnomina kuraturi deputati biex jidhru fuq l-att opportun ta' divizjoni biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci u nutar pubbliku biex jippubblika u jircievi l-att opportun;
5) Illi l-konvenut jigi ddikjarat minn din il-Qorti li ddekada mid-drittijiet tieghu jew dawk minnhom kif provdut fl-artiklu 38, 40, 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili jew dawk minnhom li din il-Qorti jidhrilha xierqa skont ic-cirkostanzi skont il-htijiet tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn qed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li in forza taghha huma eccepew :

1. Illi l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti;
2. Risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet fejn l-attrici tikkontendi li z-zwieg tkisser ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-intimat assenti.

Il-Qorti tirrileva li permezz tan-nota ta’ eccezzjonijiet taghhom il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti ddikjaraw li m’humiex edotti mill-kaz u rriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f’kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

**<u>Il-VERZJONI TAL-ATTRICI</u>**

Illi permezz tal-affidavit taghha[1] r-rikorrenti tghid li z-zwieg tal-partijiet dam sbatax–il sena. Il-partijiet kienu jghixu gewwa l-Ingilterra. Frott ta’ dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied u cioe’ K u Jade li t-tnejn li huma maggorenni. Hija tghid li z-zwieg kien difficli ghaliex l-intimat kien ikun irid kollox kif jghid hu u minhabba t-tfal, kienet tispicca biex iccedi ghaliex riedithom jitrabbew f’familja maghquda. Kien biss meta t-tfal kibru li r-rikorrenti ddecidiet li tipprocedi ghas-separazzjoni. Ghalkemm l-intimat sawwatha biss darba, kien dejjem jghajjat, jhedded u jekk ma taccettax, tinholoq storja. Tghid ukoll li f’Awwissu 2007, hija kienet qalet lil zewgha li riedet tigi Malta fuq btala u fil-fatt hekk ghamlet. Giet Malta flimkien mat-tifla z-zghira u baqghu hawn Malta b’mod permanenti filwaqt li t-tifla l-kbira baqghet ma’ missierha.

[1] Ara a fol 29 tal-process

Tghid ukoll li matul iz-zwieg taghhom xtraw dar gewwa Lowton kif ukoll hanut fl-istess lokalita' u tiddikjara li ma trid xejn mill-istess dar jew hanut. Izzid tghid li hemm xi dejn fuq dan l-immobbli u tkompli tghid li dawn jista'jihodhom kollha l-intimat. Tghid ukoll li hemm tlett karozzi li jista' jehodhom ukoll l-istess intimat skond ir-rikorrenti. Bil-gurament taghha tghid li ma tridx manteniment u kull ma trid hi li tissepara.

**<u>IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI</u>**

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li l-partijiet izzewgu nhar il-15 ta' Awwissu 1990[2]. Permezz tan-nota taghha esebita in atti[3], r-rikorrenti tghid li t-tort ghas-separazzjoni huwa tal-intimat assenti minhabba l-agir difficli tieghu kif ukoll minhabba t-theddid tieghu matul sbatax–il sena zwieg. Tghid ukoll li ulied il-partijiet huma magorenni, ma tridx manteniment ghaliha minghand ir-ragel u ma trid xejn mill-komunjoni tal-akkwisti li hi maghmula minn dar u garaxx gewwa l-Ingilterra u tliet karrozzi.

Permezz tal-affidavit tieghu Carmelo Barbara u cioe' missier ir-rikorrenti jghid li bintu kienet tghix l-Ingilterra u kienet tigi Malta kull sentejn. L-istess xhud kien tela' l-Ingilterra ghal xahar shih u f'dan il-perjodu induna li l-intimat kien ihobb jikkmanda. Tant hu hekk li jsemmi episodju fejn kellu jmur b'tal-linja ghaliex l-intimat ma riedx li r-rikorrenti twassal lil missierha bil-karozza. Jikkonferma li darba fost l-ohrajn bintu giet lura Malta flimkien mat-tifla z-zghira u jzid jghid li kien sorpriz b'dan kollu izda mbaghad bintu spjegatlu li ma setghetx tkompli tghix ma' zewgha, jghid ukoll li l-intimat ghamel ghaxar snin ma jahdimx sakemm imbaghad ha hanut flimkien ma' terz izda dan in-negozju falla.

Omm ir-rikorrenti, Angela Barbara tghid li bintha zzewget lill-intimat wara biss sitt xhur li kienet tafu. Tikkorrabora

[2] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 3 tal-process

[3] Ara a fol 28 tal-process

dak li jghid zewgha u cioe' li l-intimat ghamel ghaxar snin qieghed. Meta kienet titla' l-Ingilterra, x-xhud kienet timla l-*fridge* u l-*freezer* u mhux l-ewwel darba li baghtitilha flus minn Malta u xtratilha l-hwejjeg. L-intimat kien jghix minn fuq martu u l-familja taghha ghaliex kien jghid lil bintha sabiex titlob il-flus lil ommha filwaqt li lil bintha ma kienx jikkalkulaha. Tghid li t-tfal dejjem jiggieldu ghaliex lil wahda dejjem jikkuntentaha filwaqt li lill-ohra ma jaghtiha xejn. Dan wassal biex it-tfal m'ghandhomx relazzjoni tajba flimkien tant li x-xhud tiddiskrivi din ir-relazzjoni ta' bejn l-ahwa billi tghid li 'jobghodu lil xulxin'[4]. Taghti t-tort ta' dan kollu lill-istess intimat minhabba l-agir tieghu.

**DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI**

Dwar l-ewwel talba, il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 41 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob ilfirda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba***".

Permezz tal-affidavit taghha l-attrici tiddikjara li l-intimat telaq mid-dar matrimonjali f'Lulju 2007 u qatt ma rega' mar lura. Il-Qorti m'ghandha ebda prova kontrarja ghal dak li qed issostni l-attrici u tiddikjara wkoll li ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taghti kredibilita' lil tali verzjoni. Tenut kont ta' tali abbandun li skond dak li tghid l-attrici, sar ghaliex l-intimat assenti huwa ragel li qatt ma assuma r-responsabbilita' tal-minuri jew tal-familja, allura t-talba taghha ghas-separazzjoni personali ma tistax ma tintlaqax.

**DWAR IT-TALBA GHAL HLAS TA' MANTENIMENT**

[4] Ara a fol 34 tal-process

Il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal tat-12 ta’ Frar 2012 u li permezz tieghu l-attrici irtirat din it-tieni talba. Konsegwentement, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-Qorti tirrileva li mill-provi jirrizulta li hemm dar u hanut flimkien ma’ tlett vetturi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti izda il-Qorti m’ghandha ebda dettall iehor dwar l-istess assi. La ghandha quddiemha indirizz u wisq anqas ghandha prova tad-dejn li allegatament jiggrava l-istess fondi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti, kemm permezz tal-affidavit taghha kif ukoll permezz tan-nota taghha msemmija aktar ‘il fuq, qieghda tirrinunzja ghal kwalunkwe dritt li jista’ ghandha fuq l-istess dar, hanut u vetturi, l-Qorti sejra tassenja l-istess dar, hanut u vetturi lill-intimat assenti.

**DWAR ID-DEKADENZA TAL-INTIMAT**

Il-Qorti tirrileva li ghalkemm qieghda taghti kredibilita’ lill-attrici, l-affidavit taghha flimkien mal-affidavits tal-genituri taghha, minghajr ma hu kkorraborat b’ebda dokument iehor (ghall-anqas dwar ammont ta’ valur, ta’ dejn jew ta’ piz finanzjarju relatat) m’huwiex bizzejjed biex jaghti lok ghall-applikazzjonijiet tal-artikoli msemmija mir-rikorrenti permezz tal-hames talba taghha, *stante* li ghall-applikazzjoni tal-istess, hemm in-necessita’ ta’ prova aktar sodisfacenti. Din il-Qorti tasal biex taghti kredibilita’ lir-rikorrenti dwar il-hajja mizzewga tal-partijiet izda ma tistax ma ssemmix il-fatt li kienet ir-rikorrenti li qabdet u abbandunat id-dar matrimonjali gewwa l-Ingilterra kif abbandunat ukoll lil bintha (li hija maggorenni) u konsegwentement f’dawn ic-cirkustanzi il-Qorti ma tarax illi ghandha tilqa’ din it-talba.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija ugwali bejn il-partijiet minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru;

[2] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba;

[3] Tilqa’ it-tielet talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b’dan li d-dar, il-hanut u t-tliet vetturi li jinsabu gewwa l-Ingilterra, flimkien ma’ kull dejn relattiv ghall-istess ghandhom jitqiesu bhala l-proprjeta’ u d-dejn esklussiv tal-komparenti ragel;

[4] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba stante li ma rrizultaw ebda assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti hawn Malta;

[5] Tichad il-hames talba;

Bl-ispejjez jinqasmu b’mod ugwali bejn il-partijiet b’dan li l-ispejjez relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------